BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 07/2010**

**Ottubru 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja ta' kull xahar għal Ottubru 2010.

**Il-kontribuzzjoni għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret bi 3.1%, jew b'EUR283.7 miljun, f'Ottubru, biex laħqet EUR9.4 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tagħha rpiljat minn 3.3% f'Settembru għal 5.3%.

Iż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-M3 matul ix-xahar kienet parzjalment dovuta għal tkabbir ta' EUR117.6 miljun fil-komponent monetarju ristrett (M1). Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali t-tkabbir fl-M1 aċċelera għal 17.8% f'Ottubru minn 16.6% xahar qabel.

Il-komponent monetarju intermedju (M2) kiber bi 3.1% jew EUR273.2 miljun, parzjalment minħabba ż-żieda fl-M1. It-tkabbir fl-M2 irrifletta wkoll żieda ta' EUR155.9 miljun fid-depożiti miżmuma minn residenti taż-żona tal-euro b'maturità ta' sentejn jew anqas. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir fl-M2 żdied minn 3.1% f'Settembru għal 4.9% f'Ottubru.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, is-self kiber matul Ottubru b'EUR97.3 miljun jew 0.7%. Din kienet prinċipalment dovuta għaż-żieda fis-self lil residenti taż-żona tal-euro barra l-gvern ġenerali. Madankollu, it-tkabbir tas-self fuq bażi annwali naqas minn 13.5% f'Settembru għal 10.3% f'Ottubru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro naqset b'EUR1.0 biljun, jew 11.1% f'Ottubru. Parzjalment dan ġara minħabba tnaqqis fis-self lil residenti barra ż-żona tal-euro. Żdiedu wkoll id-depożiti fissi ta' residenti barra ż-żona tal-euro.

Bl-istess mod, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 naqsu b'EUR1.2 biljun, jew 8.4% f'Ottubru. Dan ġara minħabba tnaqqis fl-"obbligazzjonijiet oħra netti" li jinkludu transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro.

**Depożiti miżmuma minn u self lil residenti Maltin**

Id-depożiti totali miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR126.2 miljun, jew 1.6%, f'Ottubru, minħabba żieda fid-depożiti *overnight* u, b'xi depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom naqset minn 3.8% f'Settembru għal 3.4% f'Ottubru (ara Tabella 2).

Matul ix-xahar kopert, id-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin kibru b'EUR97.8 miljun, jew 2.4%. Dan prinċipalment irriflettа żidiet fid-depożiti miżmuma minn individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji. Bl-istess mod, id-depożiti ta' kumpaniji bħal dawn kienu l-fattur ewlieni għaż-żieda ta' EUR28.7 miljun fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas.

Sadanittant, is-self lir-residenti ta' Malta minn IFM Maltin kiber b'EUR6.7 miljuni, jew 0.1%, bir-rata annwali tat-tkabbir tiegħu tbatti bi ftit għal 7.1% f'Ottubru minn 7.3% xahar qabel.

Iż-żieda kollha kienet dovuta għas-self lill-gvern ġenerali Malti li telgħet b'EUR9.6 miljuni jew 0.4%, hekk kif żieda fl-istokks tal-Gvern ta' Malta miżmuma mill-bank pattiet għat-tnaqqis fil-portafoll tal-*bills* tat-Teżor tagħhom. Għalhekk, ir-rata annwali tat-tkabbir irrankat għal 11.4% f'Ottubru minn 10.6% f'Settembru.

Kuntrarju għal dan, is-self lil residenti lokali barra l-gvern ġenerali ċkien b'EUR2.9 miljuni. Dan ġara minħabba tnaqqis fit-titoli ta' self tal-kumpaniji miżmuma mill-banek u tnaqqis fis-self lill-kumpaniji privati mhux finanzjarji. Madankollu, kontra dan kien hemm self ogħla mogħti lill-kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji u lil individwi, primarjament għax-xiri tal-proprjetà.

Għalhekk ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lil residenti lokali barra l-gvern ġenerali ċediet minn 6.4% f'Settembru għal 6.0% f'Ottubru.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

Matul ix-xahar kopert, l-assi barranin netti, li huma definiti bħala l-volum tal-obbligazzjonijiet netti miżmuma minn IFM residenti mal-kontropartijiet barra minn Malta, żdiedu b'EUR75.4 miljun, jew 0.7% (ara Tabella 2).[1] Din iż-żieda tirrifletti tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin tal-banek prinċipalment f'self mingħand residenti barranin. Din għelbet it-tnaqqis fl-assi barranin tagħhom li kienet ġejja prinċipalment minn tnaqqis fis-self mogħti lil residenti barranin.

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata mħallsa f'Ottubru minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti baqgħet l-istess fil-livell tax-xahar ta' qabel ta' 1.37%, filwaqt li r-rata applikabbli għal self naqset minn 4.75% għal 4.74%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)

*€ miljuni*

| | | Ott-10 | Sett-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(2)** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,979.0** | **4,861.4** | **117.6** | **2.4** | **4,225.0** | **754.0** | **17.8** |
| Flus maħruġa(3) | 1.1 | 663.0 | 660.4 | 2.6 | 0.4 | 625.5 | 37.5 | 6.0 |
| Depożiti *overnight* (4) | 1.2 | 4,316.0 | 4,201.0 | 115.0 | 2.7 | 3,599.5 | 716.4 | 19.9 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **9,198.9** | **8,925.8** | **273.2** | **3.1** | **8,769.5** | **429.5** | **4.9** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,979.0 | 4,861.4 | 117.6 | 2.4 | 4,225.0 | 754.0 | 17.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(4) | 2.2 | 113.5 | 113.8 | -0.3 | -0.2 | 111.5 | 2.0 | 1.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(4) | 2.3 | 4,106.5 | 3,950.6 | 155.9 | 3.9 | 4,433.0 | -326.5 | -7.4 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **9,437.9** | **9,154.2** | **283.7** | **3.1** | **8,966.9** | **471.0** | **5.3** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 9,198.9 | 8,925.8 | 273.2 | 3.1 | 8,769.5 | 429.5 | 4.9 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(5) | 3.3 | 238.9 | 228.5 | 10.5 | 4.6 | 197.4 | 41.5 | 21.0 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **14,371.7** | **14,274.5** | **97.3** | **0.7** | **13,031.6** | **1,340.1** | **10.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,835.8 | 3,802.7 | 33.1 | 0.9 | 3,174.3 | 661.6 | 20.8 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,535.9 | 10,471.7 | 64.2 | 0.6 | 9,857.4 | 678.5 | 6.9 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **8,140.3** | **9,153.7** | **-1,013.4** | **-11.1** | **6,433.4** | **1,706.9** | **26.5** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 29,186.4 | 29,858.2 | -671.9 | -2.3 | 25,191.7 | 3,994.7 | 15.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 21,046.0 | 20,704.5 | 341.5 | 1.6 | 18,758.3 | 2,287.7 | 12.2 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **13,074.2** | **14,274.0** | **-1,199.8** | **-8.4** | **10,498.1** | **2,576.0** | **24.5** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 688.1 | 748.4 | -60.4 | -8.1 | 533.9 | 154.2 | 28.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 11,264.9 | 11,226.7 | 38.2 | 0.3 | 5,436.3 | 5,828.6 | 107.2 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 1,121.2 | 2,298.9 | -1,177.6 | -51.2 | 4,528.0 | -3,406.8 | -75.2 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(5) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI

*€ miljuni*

| | Ott-10 | Sett-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,146.5** | **8,020.3** | **126.2** | **1.6** | **7,875.6** | **270.9** | **3.4** |
| Depożiti *overnight* | 4,187.8 | 4,089.9 | 97.8 | 2.4 | 3,512.2 | 675.6 | 19.2 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(1)] | 113.4 | 113.7 | -0.3 | -0.2 | 111.5 | 1.9 | 1.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(1)] | 3,845.3 | 3,816.6 | 28.7 | 0.8 | 4,252.0 | -406.7 | -9.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,229.2** | **10,222.4** | **6.7** | **0.1** | **9,552.2** | **676.9** | **7.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,192.6 | 2,183.0 | 9.6 | 0.4 | 1,968.2 | 224.4 | 11.4 |
| Self lil setturi oħra | 8,036.6 | 8,039.4 | -2.9 | 0.0 | 7,584.0 | 452.6 | 6.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **10,946.4** | **10,871.0** | **75.4** | **0.7** | **5,223.7** | **5,722.8** | **109.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 40,090.8 | 40,371.6 | -280.8 | -0.7 | 32,233.2 | 7,857.6 | 24.4 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 29,144.4 | 29,500.6 | -356.2 | -1.2 | 27,009.5 | 2,134.9 | 7.9 |

[(1)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.